ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 132

Edizzjoni bil-Malti

Volum 53

21 ta’ Mejju 2010

## Informazzjoni u Avviżi


Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

2010/C 132/01 — Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta’ aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili . . . . . 1

II *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 132/02 — Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax . . . . . 6


MT

**Prezz:**
**3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta’ wara)*

IV *Avviżi*

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2010/C 132/03 Rata tal-kambju tal-euro ........ 9

2010/C 132/04 Lista ta' għotjiet mogħtija skont il-linja tal-baġit 05.08.06 għas-sena finanzjarja 2009 *(ippubblikata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2208/2002)* ........ 10

2010/C 132/05 Avviż lill-importaturi – Importazzjonijiet ta' tonn fl-UE mill-Kolombja u l-El Salvador ........ 15


AVVIŻI MILL-ISTATI MEMBRI


2010/C 132/06 Proċedura ta' stralċ – Deċiżjoni (Orden EHA/662/2010, tal-15 ta' Marzu 2010) li tibda proċedura ta' stralċ fir-rigward ta' Seguros Mercurio, S.A. *(Il-pubblikazzjoni magħmula f'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2001/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni)* ........ 16


V *Opinjonijiet*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2010/C 132/07 Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi 17


MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili

(2010/C 132/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu ([2]),

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA

### I. DAĦLA

1. Fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili ([3]). Ir-Regolament propost huwa maħsub sabiex jissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 94/56/KE li tistabbilixxi l-prinċipji fondamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili ([4]).

2. Il-KEPD ma ġiex ikkonsultat kif meħtieġ mill-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Għaldaqstant din l-opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 41(2) tal-istess Regolament. Il-KEPD jirrakkomanda li referenza għal din l-opinjoni tiġi inkluża fil-preambolu tal-proposta.

3. Bħala kumment ġenerali, għalkemm il-KEPD jiddispjaċih li ma ġiex ikkonsultat fi żmien xieraq, huwa jinnota b'sodisfazzjon li l-aspetti tal-protezzjoni tad-dejta huma nklużi fil-proposta. Ċerti dispożizzjonijiet jinsistu fuq il-fatt li l-miżuri previsti huma mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE u l-kunfidenzjalità tad-dejta hija waħda minn bosta aspetti importanti tal-proposta.

4. Madankollu, il-KEPD identifika xi nuqqasijiet u nuqqas ta' ċarezza f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tad-dejta personali. Wara deskrizzjoni tal-kuntest u tal-isfond tal-proposta fil-Kapitolu II, dawk il-kummenti sejrin jiġu żviluppati fil-Kapitolu III.

### II. KUNTEST U SFOND TAL-PROPOSTA

5. L-għan tal-proposta huwa li jiġu aġġornati r-regoli eżistenti fil-qasam tal-investigazzjoni tal-aċċidenti tal-ajru. Ir-regoli preċedenti, adottati ħmistax-il sena ilu, m'humiex aktar adatti għas-suq komuni l-ġdid tal-avjazzjoni, u għall-għarfien meħtieġ għal sistemi tal-ajru aktar kumplessi. Id-diverġenzi dejjem jiżdiedu fil-kapaċitajiet ta' investigazzjoni tal-Istati Membri wkoll hija ġustifikazzjoni għal qafas ġdid li jappoġġja l-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni.

6. Għalhekk il-proposta tiffoka fuq l-istabbiliment ta' Netwerk ta' Awtoritajiet ta' Investigazzjoni dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili sabiex jiffaċilita kooperazzjoni aktar strutturata. Hija tipprovdi wkoll regoli obbligatorji bl-għanijiet ewlenin ta' definizzjoni tad-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), filwaqt li tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, u tistabbilixxi rekwiżiti uniformi f'dak li jirrigwarda l-ipproċessar ta' rakkomandazzjoni ta' sigurtà.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) COM(2009) 611 finali.
([4]) ĠU L 319, 12.12.1994, p. 14.

7. Il-KEPD m'għandu l-ebda osservazzjoni dwar l-objettiv ġenerali tal-proposta u jappoġġja b'mod sħiħ l-inizjattiva meħuda, li hija maħsuba sabiex ittejjeb l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u għaldaqstant tipprevjeni s-seħħ ta' aċċidenti tal-ajru futuri. L-osservazzjonijiet li ġejjin sejrin jiffukaw fuq l-aspetti tal-proposta li għandhom impatt fuq il-protezzjoni ta' dejta personali, inkluż b'mod partikolari l-ipproċessar ta' dejta mil-listi tal-passiġġieri, dwar il-vittmi, il-familji tagħhom u x-xhieda kif ukoll l-ekwipaġġ tal-ajru, waqt il-fażijiet differenti tal-investigazzjoni u fil-kuntest ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' investigazzjoni.

## III. ANALIŻI TAL-PROPOSTA

### III.1. Objettiv tal-proposta

8. Il-Premessa 3 u l-Artikolu 1 ifakkru l-limitazzjoni ddikjarata preċedentement fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta, skont liema, l-objettiv uniku tal-investigazzjonijiet tas-sigurtà għandu jkun il-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti futuri mingħajr tqassim ta' tort u responsabbiltà. Il-KEPD jilqa' din il-preċiżazzjoni li hija konforma mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, id-dejta personali għandha tiġi pproċessata għal finijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi u mhux ipproċessata aktar b'mod li ma tkunx kompatibbli ma' dawk il-finijiet.

9. Għalkemm din il-limitazzjoni tal-iskop hija ddikjarata b'mod espliċitu fil-bidu tal-proposta, huwa importanti li l-ebda deroga ma ċċaħħad lil dan il-prinċipju mis-sostanza tiegħu, kif ser ikun eżaminat fil-Kapitoli III.4 sa III.6.

10. Il-KEPD jinnota li minbarra l-iskop ewlieni sabiex titjieb is-sigurtà tal-avjazzjoni, l-abbozz tar-regolament jipprovdi wkoll għall-ġbir ta' dejta personali fil-kuntest ta' għajnuna lill-vittmi u lill-familji tagħhom (Artikolu 23). Il-KEPD ma jara l-ebda kwistjoni ta' kompatibbiltà bejn dan l-għan u l-għan ta' investigazzjoni ta' sigurtà. Madankollu, l-Artikolu 1 tar-Regolament jista' jiġi kkumplimentat sabiex jirrifletti kif jixraq iż-żewġ aspetti tar-Regolament.

### III.2. Ġbir ta' informazzjoni

11. Il-proposta tiddeskrivi fid-dettall il-firxa wiesgħa ta' informazzjoni li tista' tiġi aċċessata minn dawk responsabbli għall-investigazzjoni. Din tinkludi b'mod speċjali dejta personali bħal dik li tkun tinsab fir-rekorders tat-titjira u kull reġistrazzjoni oħra, riżultati ta' eżaminazzjoni tal-iġsma tal-vittmi jew nies involuti fit-tħaddim tal-inġenji tal-ajru, u l-eżami ta' xhieda li jistgħu jkunu meħtieġa jipproduċu informazzjoni jew provi rilevanti.

12. Din l-informazzjoni hija disponibbli għall-investigatur responsabbli kif ukoll għall-esperti u l-konsulenti tiegħu u dawk tar-rappreżentanti akkreditati, fuq il-bażi ta' ħtieġa ta' għarfien. L-EASA ukoll għandha d-dritt li taċċessa xi ftit minn din l-informazzjoni waqt li tipparteċipa fl-investigazzjoni taħt il-kontroll tal-investigatur responsabbli, b'xi ftit eċċezzjonijiet inkluż meta xhud jirrifjuta li tixxandar id-dikjarazzjoni tiegħu/tagħha.

13. Il-proposta tipprovdi wkoll għall-kundizzjonijiet skont liema, il-lista tal-passiġġieri għandha ssir disponibbli. Hawnhekk, l-għan mhuwiex relatat biss mal-iżvolġiment tal-investigazzjoni iżda wkoll mal-ħtieġa ta' komunikazzjoni mal-familji u fir-rigward ta' unitajiet mediċi.

14. Il-KEPD jilqa' l-livell ta' dettall ipprovdut fil-proposta rigward il-kundizzjonijiet għall-ġbir ta' dejta personali relatata mal-għan segwit, li huwa konformi mal-prinċipju ta' ħtieġa [5] tal-liġi ta' protezzjoni tad-dejta.

### III.3. Ħażna ta' dejta personali

15. Filwaqt li l-KEPD jifhem il-ħtieġa għal ġbir wiesgħa ta' informazzjoni inkluż dejta personali, kif speċifikat hawn fuq, huwa jisħaq fuq il-ħtieġa għal regoli stretti fir-rigward tal-ħażna u l-iżvelar tagħhom lil partijiet terzi.

16. Fir-rigward tal-ħażna, fl-Artikolu 14 tagħha, il-proposta tipprevedi l-ħtieġa li jinżammu dokumenti, materjal u reġistrazzjonijiet, għal raġunijiet ovvji marbuta mal-iżvolġiment tal-investigazzjoni. Madankollu l-proposta ma tipprovdix għal xi indikazzjoni dwar it-tul ta' żmien tal-ħażna ta' din l-informazzjoni. Skont il-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta [6], dejta personali għandha tinżamm "b'mod li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-dejta għal mhux iktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-dejta tkun inġabret jew li għalihom tkun ipproċessata iktar". Għalhekk, fil-prinċipju, id-dejta personali għandha titħassar malli tintemm l-investigazzjoni, jew għandha tinżamm f'forma anonima jekk ma jkunx possibbli li din titħassar għal kollox [7]. Kull raġuni li minħabba fiha, dejta identifikabbli għandha tinżamm għal aktar żmien għandha tkun identifikata u ġġustifikata, u għandha tinkludi kriterji li jidentifikaw lil dawk intitolati li jżommu d-dejta. Għandha tiddaħħal dispożizzjoni fil-proposta f'dan is-sens, li għandha tapplika b'mod orizzontali għal kwalunkwe informazzjoni personali skambjata permezz tan-netwerk.

---

[5] Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE.

[6] Artikolu 4 (e) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u Artikolu 6 (e) tad-Direttiva 95/46/KE.

[7] L-anonimat għandu jinftiehem bħala li jagħmel kull identifikazzjoni ulterjuri tal-individwu impossibbli. Fil-każ ta' ċerti tipi ta' informazzjoni, bħar-reġistrazzjoni tal-vuċi, l-anonimat sħiħ ma jkunx possibbli, u dan jappoġġja l-ħtieġa ta' salvagwardji aktar stretti sabiex jiġi evitat l-użu ħażin.

### III.4. **Disponibbiltà u pubblikazzjoni ta' informazzjoni**

17. Għalkemm il-proposta tiddikjara bħala prinċipju li informazzjoni personali għandha tintuża biss għal finijiet ta' investigazzjoni u mill-partijiet responsabbli għal tali investigazzjonijiet, it-test jinkludi xi derogi wiesgħin ([8]).

18. Dan huwa l-każ għad-dikjarazzjonijiet ta' xhieda li jistgħu jsiru disponibbli jew jintużaw għal finijiet oħrajn barra investigazzjonijiet tas-sigurtà jekk ix-xhud jaqbel (Artikolu 15.1.a). Il-KEPD ifakkar li tali kunsens ta' xhud għandu jkun liberu, speċifiku u infurmat, u li l-użu ulterjuri tal-informazzjoni m'għandux ikun relatat ma' għan li ma jkunx kompatibbli mal-investigazzjonijiet ta' sigurtà. Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, il-kunsens m'għandux jintuża bħala bażi għal użu ulterjuri ta' dejta personali. Dan il-kumment huwa validu wkoll fir-rigward tal-użu ta' kunsens sabiex wieħed jidderoga mill-prinċipju tal-limitazzjoni tal-għan fil-każ tar-reġistrazzjonijiet (Artikolu 16).

19. L-Artikolu 15 tal-proposta jinkludi wkoll deroga wiesgħa li tapplika għal kwalunkwe tip ta' informazzjoni sensittiva ta' sigurtà ([9]). Din l-informazzjoni, li fil-prinċipju hija soġġetta għal protezzjoni speċifika kontra l-użu ħażin, xorta tista' tiġi żvelata għal kwalunkwe skop barra investigazzjonijiet ta' sigurtà, jekk l-awtorità kompetenti għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi Stat Membru tiddeċiedi dan, filwaqt li tikkunsidra l-eżistenza ta' interess superjuri u l-bilanċ bejn il-benefiċċji tal-iżvelar u l-impatt negattiv nazzjonali u internazzjonali tiegħu fuq l-investigazzjonijiet u fuq il-ġestjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili. Il-KEPD jikkunsidra li din id-deroga ma toffrix biżżejjed ċertezza legali. B'mod partikolari, il-kunċett ta' "awtorità kompetenti għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja" jista' jwassal għal spekulazzjoni. Deċiżjoni amministrattiva minn korp governattiv (pereżempju d-dipartiment tal-ġustizzja) ma tibbenefikax mill-istess leġittimità bħal deċiżjoni ta' qorti ġudizzjarja fuq bażi ta' każ b'każ. Anki fil-każ ta' deċiżjoni ta' qorti, għandhom ikunu pprovduti kundizzjonijiet stretti: minbarra l-fatt li l-għan għandu jkun permess mil-liġi u li jkun hemm interess pubbliku superjuri ([10]), l-interessi u d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-dejta għandhom jiġu kkunsidrati. B'mod partikolari, il-fatt li informazzjoni personali mogħtija minn individwu waqt investigazzjoni ta' sigurtà tista' tintuża mill-ġdid kontrih waqt xi proċedura fil-qorti jista' jinfluwenza l-leġittimità tal-ipproċessar. Il-KEPD jitlob li ssir kjarifika ta' din id-deroga u li ssir proċedura dettaljata inkluż salvagwardji aktar stretti rigward il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-dejta.

20. Huwa jitlob ukoll għal definizzjoni ta' tip wieħed ta' informazzjoni sensittiva ta' sigurtà msemmija f'dan l-Artikolu, jiġifieri, informazzjoni li tkun ta' "natura partikolarment sensittiva u privata". Id-Direttiva 95/46/KE tipprovdi għal definizzjoni ta' dejta sensittiva, iżda mhuwiex ċar jekk il-proposta hijiex qiegħda tirreferi għal din id-definizzjoni. Jekk l-objettiv huwa li jkopri u *jmur lil hinn* minn dejta sensittiva kif definita fid-Direttiva 95/46/KE, terminoloġija aktar xierqa tista' tirreferi għal informazzjoni li tkun ta' natura partikolarment intima u privata, inkluż dejta sensittiva fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE kif ukoll eżempji oħrajn ta' dejta personali li għandhom ikunu elenkati fid-definizzjoni. Dan għandu jkun magħmul ċar fl-Artikolu 2 (id-dispożizzjoni dwar id-definizzjonijiet), jew fl-Artikolu 15 tal-proposta.

21. Fil-prinċipju, ir-reġistrazzjonijiet huma protetti bl-istess mod, iżda dawn jistgħu jsiru disponibbli jew użati għal finijiet oħrajn f'ċerti każi, inkluż l-użu għal fini ta' ajrunavigabilità jew ta' manutenzjoni, jekk ir-rekords ikunu de-identifikati jew jekk ikunu żvelati taħt proċeduri siguri. Dawn l-eċċezzjonijiet huma alternattivi u mhux kumulattivi. Il-KEPD jistaqsi għaliex ir-rekords ma għandhomx ikunu de-identifikati – jiġifieri anonimizzati ([11]) – bħala regola: għandu jiġi ġġustifikat għala finijiet ta' ajrunavigabilità jew ta' manutenzjoni jeħtieġu l-ipproċessar ta' dejta personali identifikabbli. Barra minn hekk, it-tielet eċċezzjoni, li tippermetti l-iżvelar taħt proċeduri siguri, hija vaga wisq u mhux proporzjonata. Sakemm ma jissemmewx finijiet leġittimi speċifiċi, din l-eċċezzjoni għandha titneħħa.

22. L-istess prinċipju ta' de-identifikazzjoni għandu japplika awtomatikament għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni kif prevista fl-Artikoli 8, 17 u 18 tal-proposta relatata man-netwerk u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni. Il-KEPD jilqa' f'dan l-ispirtu l-aċċenn għall-obbligu ta' segretezza professjonali, u l-obbligu li tiġi kkomunikata biss informazzjoni pertinenti lil partijiet interessati rilevanti. Huwa jappoġġja wkoll il-prinċipju msemmi fl-Artikolu 19.2 skont liema, ir-rapport ta' investigazzjoni għandu jipproteġi l-anonimità tal-persuni involuti fl-aċċident jew fl-inċident.

23. Fl-aħħar nett, il-pubblikazzjoni tal-lista ta' passiġġieri hija wkoll soġġetta għal ċerti kondizzjonijiet. Il-prinċipju huwa li l-lista tista' tiġi magħmula pubblika biss wara li l-familji kollha tal-passiġġieri jkunu ġew informati, u l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżommu l-lista kunfidenzjali. Il-KEPD jqis li l-prinċipju għandu jinqaleb. Fil-prinċipju, il-lista għandha tinżamm kunfidenzjali, iżda l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu f'każijiet speċifiċi u fuq bażi leġittima li jippubblikaw din il-lista, wara li jkunu infurmaw lill-familji

([8]) Il-KEPD ġie kkonsultat f'Novembru 2008 fl-okkażjoni ta' proċedura ta' konċiljazzjoni fuq proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur marittimu. Meta wieħed iqis l-analoġija bejn iż-żewġ kuntesti, tqajmu kwistjonijiet simili u l-kummenti f'Kapitolu III.4, bħat-tweġiba għall-konsultazzjoni preċedenti, jiffukaw fuq il-bilanċ li għandu jinstab bejn l-iżvelar ta' informazzjoni waqt investigazzjoni u l-protezzjoni tad-dejta.

([9]) Din tinkludi informazzjoni relatata max-xhieda, komunikazzjoni bejn persuni li kienu involuti fit-tħaddim tal-inġenju tal-ajru, jew reġistrazzjonijiet mill-unitajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru. Din tapplika wkoll għal informazzjoni li hija ta' "natura partikolarment sensittiva", bħal informazzjoni dwar is-saħħa.

([10]) Ta' min jinnota li d-Direttiva 95/46/KE tippermetti derogi mill-prinċipju ta' limitazzjoni tal-iskop, biss jekk dan isir bil-liġi u jkun meħtieġ għas-salvagwardja ta' ċerti interessi pubbliċi f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 tiegħu.

([11]) Id-de-identifikazzjoni tissodisfa l-prinċipju ta' proporzjonalità jekk din tinftiehem bħala anonimat sħiħ, fi kliem ieħor, jekk ikun impossibbli li l-individwu jiġi identifikat mill-ġdid (ara n-nota 5 ta' qiegħ il-paġna).

kollha u wara li jkunu kisbu l-kunsens tagħhom dwar il-pubblikazzjoni tal-isem tal-qarib tagħhom. Il-KEPD jirrakkomanda emenda fl-Artikolu 22.3 skont dan.

### III.5. Skambju ta' informazzjoni bejn Stati Membri u ma' pajjiżi terzi

24. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-abbozz tar-regolament huwa li jiġi stabbilit netwerk sabiex l-awtoritajiet li jkunu qegħdin jiżvolġu xi investigazzjoni jiskambjaw informazzjoni u esperjenzi. Skont l-Artikolu 8.6 tal-abbozz tal-proposta, l-awtoritajiet ta' investigazzjonijiet ta' sigurtà li jipparteċipaw fin-netwerk għandhom jiskambjaw kull informazzjoni disponibbli għalihom fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament. Huma għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw kunfidenzjalità xierqa ta' tali informazzjoni f'konformità ma' leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja applikabbli.

25. Il-KEPD jilqa' l-miżuri previsti li jirrigwardaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, u b'mod speċjali l-obbligu li ma tiġix żvelata informazzjoni li l-Kummissjoni tkun qieset kunfidenzjali. Sakemm l-informazzjoni personali tiġi pproċessata permezz tan-netwerk, il-KEPD jikkunsidra li dawn is-salvagwardji għandhom jiġu kkumplimentati b'obbligu li jiggarantixxu l-preċiżjoni ta' din id-dejta u l-korrezzjoni jew it-tneħħija possibbli tagħhom b'mod sinkronizzat mill-membri kollha tan-netwerk li jkunu qegħdin jipproċessaw tali dejta personali.

26. L-irwol tar-repożitorju msemmi fl-Artikolu 15.3 għandu jiġi ċċarat fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni fi ħdan in-netwerk. B'mod partikolari, għandu jkun magħmul ċar, kif ġie kkomunikat b'mod mhux formali lill-KEPD, li r-repożitorju ċentrali ma huwa bl-ebda mod relatat man-netwerk u li ma fihx dejta personali. Il-KEPD jinnota f'dan ir-rigward li l-informazzjoni bħan-numru tat-titjira tista' tippermetti l-identifikazzjoni indiretta ta' individwi involuti f'aċċident jew inċident tal-ajru. Bħala regola minima, ir-Regolament għandu jispeċifika li l-informazzjoni maħżuna fir-repożitorju ma tkunx tista' tintuża sabiex jiġu rintraċċati individwi involuti f'aċċident jew f'inċident tal-ajru.

27. Il-KEPD jinnota li l-osservaturi u l-esperti, li jistgħu jinkludu rappreżentanti ta' kumpaniji tal-linji tal-ajru jew produtturi tal-inġenji tal-ajru, jistgħu jiġu mistiedna jissieħbu fin-netwerk. Dawn ikollhom aċċess għall-istess tip ta' informazzjoni bħall-membri tan-netwerk, ħlief jekk fuq bażi ta' każ b'każ, il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-informazzjoni tkun kunfidenzjali u li l-aċċess għaliha għandu jkun limitat. Din id-dispożizzjoni tista' tħalli miftuħa l-possibbiltà għal partijiet terzi li jaċċessaw dejta personali relatata pereżempju mal-vittmi jew max-xhieda, jekk din ma titqisx kunfidenzjali. Il-KEPD jikkunsidra li fil-kuntest ta' din il-proposta, id-dejta personali għandha dejjem titqies kunfidenzjali. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-aċċess għal dejta personali għandu jkun limitat f'dak li jirrigwarda partijiet terzi.

28. Dan huwa ferm aktar importanti jekk l-esperti jew l-osservaturi li jirrappreżentaw pajjiżi terzi jew jekk l-investigazzjoni ssir b'mod konġunt ma' investigaturi ta' pajjiżi terzi li ma jipprovdux livell adegwat ta' protezzjoni. Għandha tiżdied dispożizzjoni fil-proposta li tfakkar li l-ebda dejta personali m'għandha tkun trasferita lil rappreżentanti ta' pajjiż terz li ma jipprovdix livell adegwat ta' protezzjoni, ħlief meta kundizzjonijiet speċifiċi jkunu ġew issodisfati ([12]). Dan għandu japplika l-aktar fir-rigward tal-Artikolu 8 tan-Netwerk, u l-Artikolu 18 dwar il-kundizzjonijiet ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni.

29. Dawn l-osservazzjonijiet jeħtieġu prinċipju ġenerali ta' anonimat ta' dejta personali fi stadju bikri tal-proċess, u malli l-identifikazzjoni ma tkunx aktar meħtieġa għall-iżvolġiment tal-investigazzjonijiet, kif diġà msemmi fil-kapitolu III. 3.

### III.6. Rwol tal-Kummissjoni u tal-EASA

30. Il-KEPD jinnota li l-Kummissjoni u l-EASA huma involuti fil-funzjonament tan-netwerk (Artikoli 7 u 8) u li sejrin ikunu intitolati sa ċertu punt li jipparteċipaw fl-investigazzjonijiet ta' sigurtà (Artikolu 9). Il-KEPD ifakkar li l-ipproċessar ta' dejta personali minn dawn iż-żewġ korpi huwa soġġett għall-konfomità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u għas-sorveljanza tal-KEPD. Għandha tiżdied dispożizzjoni fir-Regolament dwar dan il-punt.

31. Il-KEPD jitlob kjarifika dwar sa liema punt in-netwerk ser ikun ġestit mill-Kummissjoni u permezz ta' infrastruttura teknika tal-Unjoni Ewropea. Jekk l-iskop ikun sabiex jintuża netwerk diġà eżistenti, kwalunkwe pjan li jippermetti l-interoperabbiltà ma' databases eżistenti għandu jisemma' u jkun motivat b'mod ċar. Il-KEPD jenfasizza l-ħtieġa li jiġi pprovdut netwerk sigur, aċċessibbli biss għall-finijiet deskritti fil-proposta u għal partijiet intitolati biss. L-irwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Kummissjoni u tal-EASA ([13]) kif ukoll kwalunkwe korp ieħor tal-Unjoni li jkun involut fil-ġestjoni tan-netwerk, għandhom jiġu ċċarati fit-test għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

## IV. KONKLUŻJONIJIET

32. Il-KEPD jilqa' l-fatt li r-regolament japplika espliċitament mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE, u għaldaqstant, sa ċertu punt, jikkunsidra l-prinċipji ta' protezzjoni tad-dejta. Madankollu, meta wieħed iqis il-kuntest li fih id-dejta personali tiġi pproċessata, huwa jikkunsidra li għandhom jiżdiedu dispożizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi żgurat ipproċessar ġust.

([12]) Ara l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u l-Artikolu 26 tad-Direttiva 95/46/KE.

([13]) Inkluż preċiżjonijiet dwar aspetti bħal pereżempju min qiegħed jamministra d-drittijiet tal-aċċess għan-netwerk u min jiggarantixxi l-integrità tiegħu.

33. Dan huwa ferm aktar meħtieġ meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li fihom din id-dejta tiġi pproċessata: fil-parti l-kbira tagħha din tkun relatata ma' individwi affettwati direttament jew indirettament minn aċċident serju u/jew mit-telf ta' xi qraba. Dan jappoġġja l-ħtieġa għal protezzjoni effettiva tad-drittijiet tagħhom, u għal restrizzjoni stretta tat-trażmissjoni jew pubblikazzjoni ta' dejta personali.

34. Meta wieħed iqis li l-iskop tal-proposta huwa li tkun tista' ssir l-investigazzjoni ta' aċċidenti jew inċidenti u li dejta personali hija rilevanti biss fejn hu meħtieġ fil-qafas ta' tali investigazzjoni, tali dejta fil-prinċipju għandha tithassar jew tiġi anonimizzata, mill-aktar fis possibbli, u mhux biss fl-istadju tar-rapport finali. Dan għandu jkun garantit bl-introduzzjoni ta' dispożizzjoni orizzontali fir-Regolament.

35. Il-KEPD jagħti parir ukoll li:

— jiġu definiti u limitati b'mod strett l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' limitazzjoni tal-għan;

— jiġi pprovdut perijodu limitat ta' ħażna ta' dejta personali;

— tiġi żgurata proċedura koordinata għall-aċċess, korrezzjoni u/jew tħassir ta' dejta personali, b'mod speċjali fil-kuntest tat-trasmissjoni tagħhom lil Stati Membri permezz tan-netwerk;

— tiġi sottomessa d-dejta personali lil rappreżentanti ta' pajjiżi terzi bil-kundizzjoni li jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni;

— jiġu ċċarati l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-EASA, fil-perspettiva tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta*

II

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

### Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax

(2010/C 132/02)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 7.4.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 480/09 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Sicilia |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Misura 221 del PSR Sicilia 2007-2013 «Primo imboschimento di terreni agricoli» |
| Il-bażi legali | Misura 221 del PSR Sicilia 2007-2013 «Primo imboschimento di terreni agricoli» |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna għas-settur tal-forestrija |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Spiża massima annwali: EUR 56,06 miljun<br>Ammont massimu globali: EUR 224.27 miljun |
| L-intensità | 70 %, 80 % jew 100 % tal-ispejjeż eliġibbli |
| It-tul ta' żmien | 2010–2013 |
| Setturi ekonomiċi | Settur tal-forestrija |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Regione Siciliana<br>Assessorato Agricoltura e Foreste — Dipartimento foreste<br>Viale Regione Siciliana 2246<br>90145 Palermo PA<br>ITALIA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 24.3.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 635/09 |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Pomoc dla sektora leśnego – Rekultywacja na cele przyrodnicze zdegradowanych terenów powojskowych |
| Il-bażi legali | Ustawa z dnia 6 grudnia 2006 r. o zasadach prowadzenia polityki rozwoju |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Għajnuna fis-settur tal-foresti |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | PLN 130 miljun |
| L-intensità | 85 % |
| It-tul ta' żmien | 2010–2015 |
| Setturi ekonomiċi | Forestrija |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Narodowy Fundusz Ochrony Środowiska i Gospodarki Wodnej<br>ul. Konstruktorska 3A<br>02-673 Warszawa<br>POLSKA/POLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 7.4.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 64/10 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Umbria |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | «Investimenti a finalità ambientale nelle foreste pubbliche» Misura 227, azione a), PSR Umbria 2007-2013 |
| Il-bażi legali | Programma di Sviluppo Rurale (PSR) Umbria 2007-2013, decisione C(2009) 10316 del 15 dicembre 2009 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna lis-settur tal-forestrija |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Nefqa massima annwali: EUR 2,625 miljun<br>Ammont massimu kumplessiv ta': EUR 10,50 miljun |

| | |
|---|---|
| L-intensità | Sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli |
| It-tul ta' żmien | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur tal-forestrija |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Regione Umbria<br>Via Mario Angeloni 61<br>06124 Perugia PG<br>ITALIA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

IV

*(Avviżi)*

## AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**L-20 ta' Mejju 2010**

(2010/C 132/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2334 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4920 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 111,93 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3120 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4422 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,6233 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,86440 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,8412 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,7388 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7389 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,4179 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 473,34 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,8041 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,0450 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,4215 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,2680 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,913 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 297,49 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0400 |
| HUF | Forint Ungeriż | 283,00 | PHP | Peso Filippin | 56,720 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 38,5590 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7074 | THB | Baht Tajlandiż | 39,931 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1880 | BRL | Real Brażiljan | 2,3067 |
| RON | Leu Rumen | 4,2031 | MXN | Peso Messikan | 16,1134 |
| TRY | Lira Turka | 1,9625 | INR | Rupi Indjan | 57,7540 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# Lista ta' għotjiet mogħtija skont il-linja tal-baġit 05.08.06 għas-sena finanzjarja 2009

*(ippubblikata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2208/2002)*

(2010/C 132/04)

## MIŻURI SPEĊIFIĊI TA' TAGĦRIF

| Isem l-applikant (akronimu) | Isem l-applikant (sħiħ) | Triq | Kodiċi Postali | Belt | Pajjiż | Ammont mogħti (EUR) | % ta' kofinanzjament | Titlu/Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
